**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 26 ta' Marzu, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Kenneth Bajjada, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 403877M**

*Kumpilazzjoni Nru. 3/2018*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kenneth Bajjada u ċioè talli:

Nhar il-31 ta' Diċembru, 2017, għall-ħabta tan-nofs siegha (00:30) ta' filgħodu, ġewwa Paul ta' Kalċ Bakery, f'Ħal Qormi;

1. Bil-hsieb li jagħmel delitt ta' serq aggravat li huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt, ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, għad-dannu ta' Paul ta' Kalċ u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;
2. Filwaqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

3. F'dawn il-gżejjer, żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) mingħajr ma kellu liċenzja taħt l-istess Att;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mill-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-atikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-31 ta' Dicembru, 2017, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni ferm bikrija tieghu, il-fatt li l-imputat qed jigi xprunat iwettaq reati biex jiffinanzja l-vizzju tad-droga, tal-konkluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet milhuqa mill-ufficjal tal-probation u tac-cirkostanzi l-ohra kollha. Mhemmx dubbju li fid-dawl ta' dak kollu li rrizulta f'dawn il-proceduri piena karcerarja hi l-piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 261(a)(b), 262(1)(b), 263(b), 270, 276 u 277(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah sentejn prigunerija.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn sabiex jinghata l-ghajnuna kollha necessarja, inkluz dik psikologika jekk hekk mehtieg, sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Inoltre` ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti li bihom sar id-delitt li dwaru qed tinstab htija fl-imputat.

A tenur tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tipprojbixxi lill-imputat milli jkollu xi liċenza taħt dak l-Att għal żmien hames snin.

Finalment il-Qorti tirrikmanda lid-Direttur tal-Facilita Korettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha **kemm jista jkun malajr biex jeghleb il-vizzju tad-droga** inkluz li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**